

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-2 ta' Ottubru 2013 — Nardone vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-111/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Ex uffiċjal — Espożizzjoni għall-asbestos u għal sustanzi oħra — Mard ikkaġunat mix-xogħol — Incident — Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal — Kumitat Mediku — Motivazzjoni — Rikors għad-danni — Tul tal-proċeduri)

(2013/C 336/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Albert Nardone (Piétrain, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u V. Joris, aġenti)

Suġġett

Talba għal-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-konklużjonijiet tal-Kumitat Mediku li ddeċieda dwar ir-rata ta' invalidità tar-rikorrent u dwar il-fatt li l-marda tiegħu hija kkaġunata mix-xogħol.

Dispożittiv

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil A. Nardone l-interessi moratorji għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2006 u l-15 ta' Lulju 2010 fuq l-ammont ta' EUR 8 448,51 bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet ewlenin ta' finanzjament u applikabbli għall-perijodu inkwistjoni, miżjuda b'żewġ punti, kif ukoll is-somma ta' EUR 3 000.
- (2) Il-kumpliment tat-talbiet tal-appell huwa miċħud.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatli l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbatli kwart tal-ispejjeż imġarrba minn A. Nardone.
- (4) A. Nardone għandu jbatli tliet kwarti tal-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 379, 8.12.2012, p. 35.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2013 — ZZ vs ENISA

(Kawża F-63/13)

(2013/C 336/69)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament, minn naħa, tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrent, u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni, meħuda wara s-sentenza tat-TSP fil-Kawża F-118/10, li jiġi maħtur membru tal-persunal ieħor fil-pożizzjoni ta' kontabbilist. Fl-aħħar, kumpens għad-dannu morali allegatament subit.

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni tal-ENISA li tiċħad l-ilment tar-rikorrent, kif ukoll id-deċiżjonijiet kkontestati l-oħra, jiġifieri d-deċiżjoni tal-ENISA, tal-4 ta' Settembru 2012, li tkeċċi lir-rikorrent u d-deċiżjoni tal-ENISA, tad-9 ta' Ottubru 2012, li taħtar lil X fil-pożizzjoni ta' kontabbilist, minflok lir-rikorrent;

— tikkundanna lill-ENISA tħallas lir-rikorrent, fir-rigward tal-atti illegali kollha msemmija iktar 'il fuq, is-somma ta' EUR 100 000 bħala kumpens għad-dannu morali;

— tikkundanna lill-ENISA għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2013 — ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-86/13)

(2013/C 336/70)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: P. Bentley QC, Barrister, u R. Bäuerle, Rechtsanwalt)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li ttipprobbixxi lir-rikorrent milli jaċċetta l-post vakanti ta' konsulent tal-Prim Ministru tal-Ukrajna matul perijodu ta' sentejn wara d-data ta' tmiem tal-funzjonijiet tiegħu fil-Parlament Ewropew.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni tal-Parlament tat-3 ta' Jannar 2013 li ttipprobbixxi lir-rikorrent milli jinħatar bħala Konsulent tal-Prim Ministru tal-Ukrajna, għal sentejn wara tmiem l-impjeg tiegħu mal-Parlament;